MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 308/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Mallia)**
**Vs**
**Anthony Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar l-Erbgha 8 ta’ Lulju, 2009 u fil-granet ta’ qabel fil-Belt Valletta, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

1. kkommetta serq ta’ tlett (3) mobiles tal-ghamla Blackberry Pearl, Sagem u Nokia ghal valur ta’ izjed minn €233 (LM100) izda mhux izjed minn €2330 (LM1000) ghad-detriment tal-Kumpanija GO p.l.c. bi ksur tal-Art. 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Lulju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 18 u l-artikolu 267 tal-Kap. 9, sabet lill-appellat hati tal-akkuzi w ikkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) b’dana illi wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap. 9, ordnat li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien tlett (3) snin.
Ordnat li kopja ta’ din is-sentenza flimkien ma’ l-atti tal-kawza jintbaghatu lill-Avukat Generali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-24 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata :
1. billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-appellat skond l-akkuzi migjuba kontra tieghu;
2. thassaraha w tirrevokaha f’dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal perjodu ta’ tlett snin u
3. minflok, tinfliggi l-piena skond il-ligi b’mod li l-perjodu ta’ prigunerija inflitt ikun wiehed effettiv u immedjatament skontabbli.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':- illi l-Ewwel Qorti invokat u applikat id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali meta kienet prekluza mill-istess Kodici milli taghmel dan. Fil-fatt il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni tal-appellat, qalet li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontrih. Ghalhekk gia la darba nstabet htija tar-recidiva, l-Qorti qatt ma setghet tghaddi biex bhala piena tissospendi t-terminu tal-prigunerija. Illi l-paragrafu (b) tas-subartikolu (7) tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li ordni bis-sahha tal-artikolu 28A(1) jigifieri ordni li jissospendi sentenza ta’ prigunerija

ma jistax issir meta l-ikkundanat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50. il-ligi f'dan ir-rigward hija carissima w inekwivoka.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi fl-Ewwel lok din il-Qorti ma tistax ma tosservax li minkejja sentenzi in materia moghtija minn din il-Qorti dawn l-ahhar sitt snin, il-Qrati tal-Magistrati qeghdin jaghtu decizjonijiet ripetuti fejn japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A meta jkun ovvju li skond il-ligi ma jistghux jaghmlu dan minnhaba dak li jghid l-artikolu 28A(7)(b). Dawn id-decizjonijiet li huma diametrikament kontra l-ligi mhux biss qed jaghtu hafna xoghol inutili lil din il-Qorti, imma sahansitra qeghdin, sa certu punt, jippregudikaw l-interessi tal-istess persuna misjuba hatja, li, komda bis-sentenza ta' prigunerija sospiza li tkun giet erogata, ma thossx il-htiega li tipprezenta appell minnha, umbaghad, wara ftit gimghat, tigi rinfaccjata b' appell intavolat mill-Avukat Generali biex sentenza ta' prigunerija sospiza tigi mibdula f' wahda effettiva.

Dan mhux kaz ta' applikazzjoni hazina tad-diskrezzjoni da parti tal-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tas-sentenza sospiza jew kaz fejn il-Prosekuzzjoni ma tkunx tat l-informazzjoni dwar il-precedenti penali tal-hati lill-Ewwel Qorti, kif ghadu kif gie osservat minn din il-Qorti preseduta mis-Sinjorija Tieghu l-Prim' Imhallef, Dr. V. De Gaetano fis-sentenza recentissima: **"Il-Pulizija vs. Roderick Barun"** [10.7.2009], ghax f' dan il-kaz l-addebitu tar-recidiva gie dedott kontra l-appellat mill-Prosekuzzjoni w sahansitra gie minnu ammess. Lanqas hu kaz ta' uzu hazin ta' diskrezzjoni gjudizzjali li, wara kollox, tibqa' dejjem sa certu punt soggettiva. Imma hu kaz lampanti ta' decizjoni kontra l-ligi.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Joseph Compagno"** [25.9.2003], l-artikolu 28A (7) (b) jiddisponi li :-

"*Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu MA GHANDUX ISIR (emfasi ta' din il-Qorti) f' xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-*

*(b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50"*

u la ma hemmx kwistjoni li l-appellat kien gie akkuzat ukoll bir-recidiva, ammetta l-akkuzi u l-addebitu tar-recidiva, l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza w kienet marbuta li tinfliggi l-piena applikabbli ghar-reati minnu ammessi w li kien instab hati taghhom u kwindi l-appell tal-Avukat Generali kien gustifikat skond il-ligi.

Umbaghad, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Martin James"** [27.5.2004]:-

*"…. f'kazijiet bhal dawn idejn din il-Qorti jkunu marbuta ghaliex ladarba l-appellat ma jkunx hu ukoll appella mis-sentenza w partikolarment mill-kundanna ghal terminu ta' prigunerija - sia pure sospiza – dik il-kundanna tkun ghaddiet in gudikat u allura l-uniku "point in issue" quddiem din il-Qorti jkun jekk il-kundanna ghal zmien ta' prigunerija ghandhiex tidhol in effett minnufieh jew ghandiex tkun wahda sospiza skond l-artikolu 28A. Ghalhekk lanqas ma jkun possibbli ghal din il-Qorti li tikkonsidra xi xorta ta' provvediment iehor li forsi jkun aktar idoneju fic-cirkostanzi ta' xi kaz partikolari – bhal nghidu ahna dawk kontemplati fil-Kap. 446 – li mhumiex prekluzi li jigu moghtija w applikati minnhabba r-recidiva. Dan qed jintqal biex tigi senjalata din il-"pit fall" fejn l-akkuzat li jkun minghalih li l-kaz tieghu ser jintemm bi provvediment ta' sentenza sospiza - ovvjament ghas-sodisfazzjon tieghu - ma jsibx ruhu li, fi stadju t' appell, kollox jigi rovexxjat irrimedjabilment ghax hu ukoll ma jkunx appella u hekk jaqa' kif jghidu bl-ingliz 'between two stools' "* .(ara wkoll : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Claire Cassar"** [2.11.06], **"Il-Pulizija vs. Kevin Azzopardi"** [11.1.07] **"Il-Pulizija vs. Sandro Lopresto**" [14.7.2009] u ohrajn).

Illi dan il-kaz hu identiku ghal dawk appena citati w ugwalment din il-Qorti trid issa biss tiddetermina jekk is-sentenza ta' sentejn prigunerija – li minnha l-appellat ma appellax – ghandhix tibqa' sospiza jew ghandhiex tigi reza effettiva.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuza tar-reat kontinwat ta'serq u tal-addebitu tar-recidiva minnu ammessi w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlitt snin mid-data tas-sentenza appellata skond l-artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta w minnflok tikkundanna lill-appellat ghall-piena ta' sentejn prigunerija effettivi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------